MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru 859/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs.**

**RAYMOND BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Borg ta’ 45 sena, iben Joseph u Rose nee’ Sammut, imwieled Rabat fid-9 t’April 1964, detentur ta’ karta t’identita’ nru 215664M u residenti nru 51, Rudolph Street, Rabat.

Billi huwa akkuzat talli fid-19 t’Awwissu 2009 minn Triq G. Borg Olivier gewwa r-Rabat, ghal habta ta’ 13.15hrs ikkommetta serq ta’ van tal-marka Toyota Hylux bin-numru tar-registrazzjoni KBG 308, liema serq huwa

agravat bil-valur ghax hu aktar minn €232.94 u bix-xorta tal-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum hin u cirkustanzi fi Triq Rudolph Saliba gewwa r-Rabat, volontarjament hassar jew ghamel hsarat jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq vettura tal-marka Toyota Hylux bin-numru ta’ registrazzjoni KBG 308 liema hsara tiskorri il-€1,164.69 b’detriment ta’ Anthony Micallef mir-Rabat.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum hin u cirkustanzi gewwa r-Rabat, saq vettura tal-ghamla Toyota Hylux bin-numru tar-registrazzjoni KBG 308 b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’manjieta parikoluza jew b’nuqqas ta’ hila jew arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum hin u cirkustanzi, fi Triq Rudolph Saliba gewwa r-Rabat ghamel hsara volontarja fuq propjeta tal-Gvern ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum hin u cirkustanzi kiser il-paci u l-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied

F’kas ta’ htija, l-Qorti giet gentilment mitluba li barra l-piena kontemplata mil-Ligi, l-istess Raymond Borg jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan u jigi applikat l-artiklu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur l-istess Anthony Micallef.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 16 ta’ Settembru, 2010 u nnutat li l-imputat Raymond Borg m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 16 ta’ Settembru, 2010.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 16 ta' Settembru, 2010.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(a), 325(1) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Raymond Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 16 ta' Settembru, 2010 u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali minima tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Raymond Borg ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Raymond Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tobbliga lill-imputat Raymond Borg li jhallas lill-parte civile Anthony Micallef fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta' elfejn u tnax –il Euro u tnejn u tletin centezmi ta' Euro (Euro2012.32) bhala somma dovuta lill-istess parte civile Anthony Micallef mill-istess imputat Raymond Borg rappresentanti hsarat sofferti mill-imsemmi parte civile Anthony Micallef da parti tal-imputat rigwardanti dan il-kaz.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Raymond Borg sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' sitt mija u wiehed Euro u tmienja u ghoxrin

centezmi ta’ Euro (Euro 601.28) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. RB1.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Raymond Borg b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li jzomm il-kwiet ma’ Anthony Micallef u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Borg l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-subartikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------